**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 279/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anthony Cuschieri**

Illum, 26 ta' April 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Anthony Cuschieri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 328349M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Novembru u fix-xhur ta' qabel tas-sena 2022, ġewwa Qormi, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi izda biss biex jezerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu innifsu lil Geranzio Cuschieri jħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Geranzio Cuschieri fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Lulju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 85(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Anthony Cuschieri ħati tal-imputazzjoni mressqa kontra tiegħu u kkundanatu għal ħlas ta' multa ta' €200, filwaqt li ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-

Kodiċi Kriminali, ordnat lill-imputat jgħaddi ċ-ċwievet tal-katnazzi li għamel, fi żmien 24 siegħa mid-data tas-sentenza, biex b'hekk, Geranzio Cuschieri jkollu jerġa' aċċess għal dawn il-kmamar.

Rat ir-rikors tal-appellant, Anthony Cuschieri, ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi –

1. Tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu; u
2. Tirrevoka l-multa mposta fuq l-istess imputat; u
3. Tirrevoka *contrario imperio* l-obbligu li jagħti lura ċ-ċwievet lil Geranzio Cuschieri.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata *seduta stante* nhar it-13 t'Ottubru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju mqanqal mill-appellant, huwa jilmenta illi fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti kienet skorretta u dan għaliex mhuwiex minnu li huwa fixkel lil Geranzio Cuschieri fil-pussess ta' ħwejġu billi biddel xi katnazzi jew żamm xi ċwievet għalih. Huwa jisħaq li qatt ma wettaq azzjoni ta' tfixkil u/jew indħil fil-konfront tal-parte ċivile. Iqanqal eċċezzjoni oħra l-appellant, issa fi stadju ta' reviżjoni, meta jikkontendi illi l-azzjoni hija perenta billi t-terminu li fiha kellha tiġi proposta l-azzjoni laħaq iddekorra u dan għaliex l-appellant ilu sa mis-sena 2015 iżomm il-kamra mertu ta' dawn il-proċeduri imsakkra. Tikkontendi ukoll id-difiża illi għalkemm fiċ-ċitazzjoni hemm indikata id-data tal-'25 ta' Ottubru 2022 u fix-xhur ta' qabel' meta allegatament seħħ l-ispoll, madanakollu minn imkien fl-evidenza

miġjuba 'il quddiem mill-prosekuzzjoni ma jirriżulta illi l-att vjolattiv seħħ proprju f'dan iż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta illi ir-raba li tinsab ġewwa Triq tal-Ħlas f' Ħal Qormi hija miżmuma b'titolu ta' qbiela bejn tlett aħwa u ċioe' l-appellant u żewġ ħutu oħra, il-kwerelant Geranzio u ħuhom George. F'din ir-raba' hemm xi kmamar fosthom kamra li l-appellant jallega li inbniet minnu u li jagħmel użu minnha hu biss. Illi nhar is-26 ta' Ottubru 2022, l-appellant irraporta l-għassa tal-pulizija u dan għaliex ħuh Geranzio Cuschieri kien qed jibblokalu l-aċċess għal xi kmamar li għandu fl-għalqa miżmuma in komun miegħu. Huwa spjega lill-Pulizija li għandu għalqa maqsuma bejnu u bejn żewġ ħutu iżda ma hemm xejn bil-miktub dwar liema biċċa effettivament tappartjeni lil min minnhom. Stqarr li nhar il-25 ta' Ottubru 2022 huwa sab erba' katnazzi ma' żewġt ikmamar, waħda ta' l-għorfa u l-oħra tal-għodda biex b'hekk ma setax jaċċedi iktar għalihom. Sussegwentement ġie mitkellem ukoll Geranzio Cuschieri fejn rinfaċċjat b'dan ir-rapport, għamel rapport hu stess kontra ħuh, ċioe' lill-appellant odjern, fejn stqarr li l-istess appellant kien neħħielu l-aċċess għall-kamra li tinsab ukoll f'din ir-raba, fejn kien iżomm l-għodda tiegħu. L-appellant jistqarr illi huwa bena din il-kamra fl-2015 u li f'dan iż-żmien ħuh Geranzio aċċeda f'din il-kamra biss fi tlett okkażżjonijiet u ċaħad illi ħuh kellu xi għodda miżmuma f'din il-kamra li huwa sakkar.

Illi, Geranzio Cuschieri xehed hekk quddiem l-Ewwel Qorti:–

> **Fil-kamra hemm hekk għandi tavjola kbira kont għamiltha hemm hekk biex inħammlu l-bir, għandi mutur tal-bexx konna xtrajnih ġdid, kien hemm hekk ukoll. M'għandix aċċess għax qabel iċ-ċavetta kien iħalliha taħt ġebla, issa neħħieha u għamel katnazz extra.**

Illi, din hija l-uniku parti fid-deposizzjoni tiegħu illi l-kwerelant jixhed dwar l-ispussessar ta' din il-kamra mertu ta' dawn il-proċeduri. La jindika data u lanqas żmien approssimattiv meta l-allegat att spoljattiv seħħ. Tażżarda tgħid il-Qorti illi dan ir-rapport magħmul mill-kwerelant fuq din il-kamra kien fil-fatt xprunat mir-rapport li kien għamel ħuh, l-appellant, fuq ambjenti oħra f'din ir-raba' li l-aħwa għandhom

in komun bejnoethom u bejn ħuhom George Cuschieri, u li kieku ma kienx għar-rapport li għamel ħuh Anthony l-kwerelant ma kien jitkellem xejn fuq din il-kamra.

Illi, huwa indubitat illi bejn it-tlett aħwa hemm diżgwid kbir dwar liema parti tar-raba' tappartjeni lil min minnhom għalkemm jidher li kull wieħed minnhom jaħdem parti minnha. Madanakollu, ma hemmx ftehim fir-rigward tal-użu tal-kmamar li hemm f'din ir-raba', b'kull wieħed qiegħed jipprova jagħmel tiegħu dawk l-ambjenti li jinsabu f'dik il-parti tar-raba' okkupata minnhom. Ġara illi dawn l-ambjenti bdew jissakkru bir-riżultat illi Anthony Cuschieri u ħuħ Geranzio għamlu rapporti kontra xulxin fuq dan il-fatt billi jidhirlhom illi huma għandhom ikollhom l-użu u tgwadija ta' dawn l-ambjenti kollha diment li r-raba' ma tiġix maqsuma bil-liġi u mhux sempliċment bil-fomm. Riżultat ta' dan hemm pika bejn l-aħwa li qed iwaasal għal dawn il-viċendi ġudizzjarji.

Illi l-appellant jinsab akkuzat bir-reat maħsub fl-Artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' dak ir-reat hekk magħruf bħala *raggion fattasi*. Illi qabel kull konsiderazzjoni oħra fil-mertu il-Qorti tqis illi għandha tindirizza l-ilment li qed iressaq l-appellant issa fi stadju ta' reviżjoni fir-rigward tad-data meta allegatament seħħ l-att inkriminatorju. L-appellant huwa mixli li spussessa lil ħuh Geranzio mit-tgwadija tal-kamra fil-25 ta' Ottubru 2022 u fix-xhur ta' qabel tas-sena 2022, data li fiha sar ir-rapport. L-appellant jikkontendi illi din il-kamra ilha li inbniet minnu sa mis-sena 2015[1], żmien meta effetivament hu sakkarha. Il-kwerelant minn naħa tiegħu ,meta ħa il-pedana tax-xhieda, ma jindika ebda data preċiża meta seħħ l-allegat incident u jikkontendi biss illi "qabel" kellu aċċess u "issa" m'għandux, iżda f'liema perijodu taż-żmien mill-2015 'l hawn kien "qabel" u meta huwa "issa" ma jirriżultax mill-provi skarni li hemm fl-atti.

Illi, f'dan l-istadju, din il-Qorti tagħmilha ċara li hawnhekk *non si tratta* ta' sitwazzjoni fejn xhud jindika data u xhud ieħor jindika data oħra liema dati jkun entrambi jaqgħu fil-parametri kkontemplati fiċ-ċitazzjoni. Kieku kien hekk il-każ, il-Qorti jkollha biss sitwazzjoni ta' kunflitt ta' provi u jkun jeħtieġilha biss li tagħmel apprezzament approfondit tal-provi li jkollha quddiemha fid-dawl ta' kull prova oħra li tkun

[1] Fol.21 tal-atti

tirriżulta mis-smigħ tal-kawża sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha ta' liema mill-verżjonijiet ikollha aktar mis-sewwa. Kuntrarjament għal hekk, hawnhekk iżda *si tratta* ta' sitwazzjoni fejn fiċ-ċitazzjoni hemm indikata data speċifika u żmien ta' meta allegatement seħħ ir-reat *de quo*, liema perijodu ta' żmien, iżda ma huwiex rifless fil-provi prodotti fil-mori ta' din il-kawza.

Illi, din il-Qorti tfakkar ukoll li huwa risaput li "*hija regola tal-proċedura kriminali li prova trid tkun sħiħa u sodisfaċenti*"[2]. Ukoll, prinċipju fundamentali ieħor tal-proċess ġudizzjarju fil-kamp penali huwa li provi miġbura jridu jwasslu għal sejbien ta' ħtija mingħajr dubbju dettat mir-raġuni, "*u jekk jezisti dan id-dubbju, dan imur favur l-akkuzat*"[3].

Illi, in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tistaqsi, kemm setgħet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tistrieħ fuq id-data tal-25 ta' Ottubru 2022 u ix-xhur ta' qabel din id-data bħala dak iż-żmien temporali fejn effettivament seħħ dan l-ispoll jekk anki l-parte ċivile ma kinitx speċifika dwar l-istess.

Illi r-reat ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat ta' natura istantaneja għalkemm l-effetti huma ta' natura permanenti. Hekk sostniet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs. Paul Cilia" deċiża nhar is-7 ta' Ottubru 2015 fejn il-mertu tal-kawża kien jitratta tibdil fis-serratura ta' żewġ propretajiet -

> **Vincenzo Manzini jghid dwar ir-reat ta' ragion fattasi: "*E` in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche` possa avere effetti permanenti. Ne` importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo ... perche` il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e` fatta ragione da se` medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso e` sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato.*"**

Illi, il-każ in eżami jirrigwarda att ta' kommissjoni konsistenti f' tibdil f'serratura, jew aħjar żieda ta' katnazz li jimpedixxi l-aċċess għall-użu tal-ambjenti ta' kamra f'għalqa. Huwa minnu illi dan l-att kommissiv kellu effetti permanenti, iżda dan xorta jrid

---

[2] Il-Pulizija vs Paolo Farrugia, Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 01.08.1959.

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Jose Edgar Pena, Appell Kriminali (Sede Superjuri), 05.12.2012 & Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, Appell Superjuri (Sede Superjuri), 05.07.2002.

jitqies bħala reat istantaneju. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Imħallef Harding fil-kawża "Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino" deċiża nhar is-6 ta' Diċembru 1948 fuq dan il-punt kien fis-sens li fid-distinzjoni bejn reat istantaneju u reat permanenti, wieħed ma jridx jiffoka fuq il- konsegwenzi tar-reat għaliex b'dan il-mod ikun faċli li wieħed jikkonfondi reat istantaneju ma' reat permanenti minħabba li l-effetti tiegħu jkunu duraturi -

> **Din it-teżi tal-Qorti Inferjuri ma tidhirx aċċettabbli. Ir-reati kkontemplati fl- art. 75 ittri (a)(b) u (c) tal-Ordinanza III tal-1943 li bihom hu imputat l-appellant u li għalihom tapplika l-preskrizzjoni msemmija fit-tieni subartikolu tal-istess artikolu, huma reati istantanei, li huma l-essenza tagħhom stess kompjuti u eżawriti appena tkun kompjuta dik it-tali vjolazzjoni ta' liġi li tikkostitwihom; jiġifieri malli jingħata t-tagħrif falz, malli jiġi prodott id-dokument falz jew malli tiġi miżmuma t-tagħrifa materjali.**
>
> **Malli jsir dan l-att l-liġi hi vjolata u ma hix aktar passibbli ta' vjolazzjoni u kwindi ma hux il-każ ta' reat permanenti jew suċċessiv.**

Illi, fil-kawża "Il-Pulizija vs. Wiġi Abela" deċiża nhar is-6 ta' Ġunju 1949, l-istess Imħallef Harding tenna hekk -

> **Hu utli li jiġi ribadit illi hu ta' l-akbar importanza li fl-applikazzjoni ta' dawna l-kriterji ġenerali wieħed joqgħod attent għal-lokuzzjoni adoperata mil-liġi fil-każ partikolari; għaliex minħabba dik il-lokuzzjoni l-konsegwenzi jistgħu jkunu diversi, bla ma b'daqshekk jiġu mibdula l-kriterji fil-ġeneralita' tagħhom.**

Illi, fid-dawl tas-suesposti prinċipji, din il-Qorti tqis kif minn interpretazzjoni tal-lokuzzjoni adoperata fl-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali joħroġ biċ-ċar li dak li l-Liġi qiegħda tirreprimi huma serje ta' azzjonijiet - bħalma huma t-tfixkil fil-pussess ta' ħwejjeġ xi ħadd, il-ħatt ta' bini, il-ksur tal-imxija tal-ilma, l-att fejn persuna tiġi mġiegħla tħallas dejn, fost oħrajn - li fin-natura tagħhom jikkonsistu f'att wieħed pożittiv b'effetti li jistgħu jestendu matul iż-żmien. Issa fil-każ *de quo*, l-appellant wettaq dak l-att pożittiv li permezz tiegħu għamel katnazz f'bieb ta' kamra. Dan l-att, skond il-provi prodotti, ġie mwettaq darba u għalhekk fi kliem l-Imħallef Harding, ma kienx hemm vjolazzjoni suċċessiva għalkemm l-effetti ta' dik l-azzjoni

huma ta' natura permanenti jew tal-inqas sakemm il-parte ċivile tiġi rippristinata fl-istat li kienet qabel ma twettqet tali vjolazzjoni mill-appellant.

Illi, dana jwassal lil din il-Qorti għall-konkluzzjoni li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienitx korretta fid-deċiżjoni tagħha u dan għaliex minn imkien fl-atti ma jemerġi iż-żmien temporali meta effettivament kien imwettaq mill-ġudikabbli dak l-att spoljattiv u għalhekk il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sodisfaċentement li r-reat ta' *raggion fattasi* filfatt twettaq fil-parametri temporali kif indikat fiċ-ċitazzjoni kontra l-imputat *qua* appellant. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx kemm legalment kif ukoll raġonevolment tasal għall-konklużjoni tagħha li ssib lill-imputat *qua* appellant ħati tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu.

Illi, stante dawn il-konkluzjonijiet raġġunti, ikun inutli li din il-Qorti tidħol biex teżamina l-aggravju fil-mertu.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell nterpost, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena.

**Edwina Grima**

**Imħallef**